KUNSILL LOKALI
GĦASRI

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' l-Għasri

## Id-Disa' Leġislatura

**Laqgħa Nru. 27**

Il-Ġimgħa, 15 ta' Mejju 2026

Il-Kunsill Lokali ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Dr Daniel Attard | - | Sindku |
| Is-Sur Sammy Saliba | - | Viċi Sindku |
| Is-Sur Emanuel Mintoff | - | Kunsillier |
| Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - | Kunsilliera |
| Is-Sur Salvatore Felice Pace | - | Kunsillier |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 20A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Silvio Xerri | - | Segretarju Eżekuttiv |

## 27.1 Talba

27.1.1 Il-laqgħa bdiet b'talba u ġiet ippreseduta mis-Sindku Dr. Daniel Attard.

## 27.2 Ittri ta' Apoloġija

27.2.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 27.3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

27.3.1 Il-Minuti tal-laqgħa pubblika numru 26 ġew ċirkolati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, dawn ġew approvati unanimament.

## 27.4 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza

27.4.1 *Email* mingħand EUI-URBACT mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali datata 13 ta' Mejju 2026 rigward *Potenial Partnership Opportunity for URBACT Call for Action Networks*. Il-kunsilliera qablu li mhux ser issir applikazzjoni.

27.4.2 *Email* mingħand Kayleigh Farrugia datata 22 ta' April 2026 rigward APERTURE, sabiex isir *meeting* mal-istaff.

27.4.3 *Email* mingħand UTV Malta b'applikazzjoni sabiex issir xandira tal-festa tar-raħal u dan għall-prezz ta' mitt ewro (€100). Il-kunsilliera qablu li għandha tintbagħat tali applikazzjoni.

27.4.4 *Email* mingħand Reġjun Għawdex datata 14 ta' Mejju 2026 rigward CERV 2026 – Citizens Town Twining Call for Proposals. Il-kunsilliera qablu li għandu jiġi vverifikat x'opportunijiet ta' ġemellaġġ qed jiġu offruti.

27.4.5 Rigward il-ġemellaġ maċ-Ċina, is-Sindku nforma lill-kunsilliera li r-rappreżentanti taċ-Ċina biddlu xi affarijiet fil-kuntratt, u huwa qalilhom li bħala kunsill dawn ma jistgħux jiġu aċċettati peress li sabiex jiġu aċċettati trid terġa ssir applikazzjoni mill-ġdid.

27.4.6 Is-Sindku talab li jsir aġġornament dwar is-sitwazzjoni relatata ma Triq Wied Sara u Triq Wied il-Mielaħ. Il-Viċi Sindku Sammy Saliba rrimarka li l-LA's kellhom iduru fuq il-kuntrattur, però ma kellux risposta.

## 27.5 Tweġibiet għall-Mistoqsija tal-Kunsilliera

27.5.1 Il-Kunsillier Salvu Felice Pace saqsa rigward id-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Is-Segretarju Eżekuttiv informah li huwa kellem lì-Sa.

Josianne Cassar u hija aċċettat li tkun Deputat Segretarju Eżekuttiv.

27.5.2 Il-Kunsilliera Elizabeth Mintoff staqsiet jekk il-ħaddiema l-ġdida tistax tipprovdi xi servizzi ta' assistenza lill-komunità, bħal pereżempju t-trasport ta' persuni lejn l-isptar. Il-Kunsilliera ma qablux ma' din il-proposta, peress li għal tali servizz tkun meħtieġa liċenzja speċifika u l-ħaddiema ma tistax tuża l-vettura privata tagħha għal dan l-għan.

27.5.3 Il-Kunsillier Emanuel Mintoff saqsa jekk l-attività tal-31 ta' Mejju 2026 hix ser issir. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmah li peress li dakinhar hija l-għada tal-elezzjoni ġenerali, l-attività ġiet ikkanċellata.

27.5.4 Il-Kunsillier Salvu Felice Pace saqsa rigward l-applikazzjoni tad-*Devolution* ta' dik l-għalqa. Is-Segretarju Eżekuttiv informah li qabel ma jiġu *up-to-date* l-*accounts* tal-kunsill, ma jistax isir progress.

27.5.5 Il-Viċi Sindku Sammy Saliba saqsa jekk għall-festa jistgħux jitwaħħlu xi *spot lights* b'mod proviżorju. Il-kunsilliera qablu ma tali proposta.

## 27.6 Materji Oħra

27.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li huwa bagħat korrispondenza lis-Sur Alfred Baldacchino sabiex iħejji rapport sabiex ikun jista' jitnaddaf il-wied ta' ħdejn il-knisja tal-Patroċinju, iżda għad ma hemmx risposta.

27.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li huwa bagħat email lill-perit li rebaħ it-*tender* sabiex ikun jista' jiġi ffirmat il-kuntratt, pero' s'issa ma kienx hemm risposta min-naħa tal-perit.

27.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li hemm bżonn li ssir tabella ta' *Dead End* fi Triq ta' Għammar peress li hemm trejqa li tagħti għal ġo l-għelieqi u ta' sikwit xi turisti jippruvaw jgħaddu minn hemm. Il-kunsilliera qablu li għandha ssir tali tabella.

27.6.4 Peress li fi Triq ta' Għammar qed ikun hemm min isuq b'veloċita' eċċessiva, dalgħodu waqt il-laqgħa mal-Pulizija tal-Komunita' ġie miftiehem li jibdew isiru kontrolli u anke jużaw l-i*speed guns*. Jekk ikun hemm bżonn anke ssir tabella *Beware of Speed Guns*.

27.6.5 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera li minn nhar it-Tnejn ser tibda ħaddiema ġdida mill-iskema Community Workers Scheme. Rigward l-*allowance* li jagħti l-kunsill ġie maqbul li din ser tingħata bi qbil lil dawk li jaħdmu fuq barra u/jew jużaw il-vetturi personali tagħhom.

27.6.6 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li rigward l-*one way* ta' Triq Salvu

Gambin huwa ordna t-tabella iżda fadal xi emendi li jridu jsiru min-naħa tal-perit tal-kunsill hekk kif mitlub mill-perit ta' Transport Malta sabiex finalment tali triq tiġi *one way*.

27.6.7 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li huwa għandu bżonn min ser ikun flok Ta' Mena għall-attività Traditions: Wine, Olive Oil and Honey. Il-Viċi Sindku Sammy Saliba nfurmah li hekk kif ikollu konferma jgħaddi tali informazzjoni lis-Segretarju Eżekuttiv.

27.6.8 Is-Segreatjru Eżekuttiv informa li t-*tender* bin-numru GSR 02/2022 – *Services – The Hire and Operation of Plant and Machinery to Għasri Local Council* ser jagħlaq f'Settembru 2026 u għalhekk għandu jinbeda l-proċess sabiex jinħareġ *tender* ieħor simili.

27.6.9 Il-Viċi Sindku Sammy Saliba rrimarka li l-ilma li hemm ħiereġ fi Triq Wied Sara żdied u hemm bżonn li l-kuntrattur jiċċekkja x'jista' jsir sabiex tissolva tali problema. Il-kunsilliera qablu li għandu jiġi mitkellem il-kuntrattur sabiex jara kif tista' tissolva tali problema u ssir stima ta' tali xogħolijiet.

27.6.10 Il-Kunsilliera Elizabeth Mintoff infurmat li l-programm mużikali li kien ser isir nhar il-Ħadd 31 ta' Mejju 2026, issa ser isir fil-11 ta' Ġunju 2026 u dana minħabba l-elezzjoni ġenerali.

27.6.11 Ġie propost li jsir *resurfacing* fl-inħawi tan-niċċa tal-Madonna tal-Lunzjata. Il-kunsilliera qablu li għandu jsir tali *resurfacing*.

## 27.7 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti

27.7.1 Tressqet l-iskeda ta' pagamenti numru 09-24 biex tkun approvata mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet approvata. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 27.8 Tmiem il-laqgħa u data tal-laqgħa li jmiss

27.8.1 Il-laqgħa ntemmet fit-7:45 ta' filgħaxija. Sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar It-Tnejn, 22 ta' Ġunju 2026 fis-7:00 ta' filgħaxija.

Ikkonfermati, nhar it-Tnejn, 22 ta' Ġunju 2026.

**Dr. Daniel Attard**
**Sindku**

**Silvio Xerri**
**Segretarju Eżekuttiv**